# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru.: 556/2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Christina Delia)**

**-vs-**

**ELGUJA BZIKADZE**

**Illum, 14 ta' Jannar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ELGUJA BZIKADZE** detentur tal-passport Georgjan bin-numru 17AA32047, tressaq quddiemha akkuzat talli:-

1. Fid-29 ta' Awwissu 2018 u fil-granet u/jew xhur ta' qabel, f' dawn il-gzejjer ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi waqt li kien jaf jew kellu kawza ragonevoli li jissuspetta dwar l-ghan jew l-attivita` b'mod generali tal-ghaqda stabbilita` ghall-finijiet imsemmija fl-akkuza ta' qabel din ippartecipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-ghaqda;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi appartjena ghal-ghaqda msemmija fl-akkuzi ta' qabel din;

4. U aktar talli fl-istess perjodu, postijiet u cirkostanzi xjentement laqgha ghandu jew xtra hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta;

5. U aktar talli fid-29 ta' Awissu 2018, ghall-habta ta' bejn 12:00hrs u 13:30hrs minn gewwa r-residenza bin-numru 26 bl-isem ta' Edera Triq Balaguer gewwa Hal Balzan, ikkometta serq ta' gojjelerija, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmu (€2,329.37), bil-mezz, lok u dan ghad-detriment tal-familja Chetcuti u/jew persuna jew persuni ohra;

6. U aktar talli fis-27 ta' Awwissu 2018, ghall-habta ta' bejn it-08:00 hrs u 10:00h minn gewwa l-appartament bin-numru 5 fil-blokka bl-isem ta' Summer Season li jinsab fi Triq Parades San Pawl il-Bahar, ikkometta serq ta' apparat elettroniku u gojjelerija, liema serq hu kkwalifikat bl-ammont li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmu (€2,329.37), bil-mezz, lok u ghad-detriment ta' Margot Doris u/jew persuna jew persuni ohra;

7. U aktar talli bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u l-24 ta' Awwissu 2018 minn gewwa r-residenza 11, Aurora, Triq Rafael Caruana Dingli, Mosta, ikkometta serq ta' gojjelli u apparat elettroniku, liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont li jeccedi l-elfejn, u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmu (€2,329.37), bil-mezz, lok, u dan ghad-detriment ta' Dennis Mifsud u Denise Mifsud u/jew persuna jew persuni ohra;

8. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-18 ta' Awwissu u d-19 ta' Awwissu 2018 minn gewwa r-residenza 'Porthole', Apt.4, Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar ikkometta serq ta' gojjelli, apparat elettroniku u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2.329.37), bil-mezz, lok, u dan ghad-detriment ta' Albert Galdies u Maria Carmela Galdies u/jew persuna jew persuni ohra;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati

Rat illi waqt l-interrogatorju fil-31 ta' Awwissu 2018, l-imputat wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet moghti mis-S.T.O l-Prim'Imhallef fis-7 ta' Settembru 2018[1];

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-16 ta' Gunju 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:-

1. Fl-Artikoli 83A(1)(a),(b); 83A(2) u 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 36.

2. Fl-Artikoli 261(a), (b), (c), (e); 262; 263; 264; 265; 266; 267; 269; 276; 277; 278; 279(b); 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;;
3. Fl-Artikoli 261(a), (b), (c), (e); 262; 263; 264; 265; 266; 267;269; 276; 277; 278, 279(a); 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 261(a), (b), (c), (e) 262; 263; 264; 265; 266; 267;269; 276; 277; 278, 279(b) 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 261 (a), (b), (c), (e); 262; 263; 264; 265; 266; 267;269; 276; 277; 278, 279(b); 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Fl-Artikoli 17; 23; 23B; 23C; 31; 533; 532A; 383; 384; 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Awwissu 2020 l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2020;

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi fil-qosor, il-fatti li taw lok ghall-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat, huma s-segwenti.

Wara telefonata anonima fid-29 ta` Awwissu 2018, il-Pulizija bdew jinvestigaw serqa minn residenza gewwa 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan. Il-persuna li rrapportat is-serqa anonimament (Dok. LZ9 CD tat-telefonata) qalet li rat zewg persuni hergin minn gewwa l-imsemmija residenza u jirkbu go Kia Picanto JQZ-473 ta' lewn silver.

Mill-investigazzjonijiet li bdew isiru mill-Pulizija[2], irrizulta illi kien in-numru ta' registrazzjoni JQZ673 u mhux JQZ473 li huwa targat lil vettura Kia Picanto, liema vettura mbaghad giet identifikata bhala vettura li giet mikrija minn Sundrive Car Rentals lil certu Elguja Bzikadze, l-imputat[3]. Minn informazzjoni li ngabret minghand is-sid tal-vettura, irrizulta li din il-vettura kienet tinsab ipparkjata gewwa Triq Paderborn, San Pawl il-Bahar u hekk kif il-Pulizija osservaw lill-imputat riesaq lejn il-vettura biex jirkeb go fiha, arrestawh. Meta gie arrestat, instab li l-imputat kellu fil-pussess tieghu wallet b'340 Euro kontanti, passaport, bank cards u flus barranin, filwaqt li fil-karozza nstabu ghodda li kienu mohbija taht is-seat[4] kif ukoll zewg mapep, li fuq wahda minnhom kien hemm xi rhula mmarkati, fosthom il-Mosta[5].

Minn ezami tal-mobile phone li gie elevat mill-pussess tal-imputat, instab fost ohrajn ritratt tal-imputat li ttiehed fis-16 ta' Awwissu 2018 flimkien ma' persuna ohra quddiem hanut li gie identifikat bhala BHS *hardware store* gewwa Triq 10 ta' Frar, Bugibba. Gew intensifikati l-investigazzjonijiet u mill-filmati li ngabru mill-istabbiliment in kwistjoni tal-gurnata tas-16 ta' Awwissu 2018, il-Pulizija waslet ghall-identifikazzjoni tal-persuna li kien flimkien mal-imputat fil-hanut in kwistjoni, liema persuna, li giet identifikata bhala certu Gabriel

[2] Ara xhieda tal-Ispettur Lydon Zammit, 20 ta' Settembru 2018
[3] Din il-vettura giet mikrija lil Elguja Bzikadze fit-28 ta' Awwissu 2018 sat-30 ta' Awwissu 2018 – ara xhieda ta' Aldo Formosa [Dok. AF1 u AF2] u ta' Paolo Di Maggio tal-24 ta' Settembru 2018. Paolo Di Maggio gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kera z-zewg vetturi minghandu.

[4] Ara xhieda ta' PC 1439 Karl Pace tal-24 ta' Settembru 2018.
[5] Dok. KP4.

Janurashvili[6] instab mill-Pulizija diehel go blokk ta` appartamenti bl-isem "Solair Flats", gewwa Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, fil-vicinanzi ta' fejn l-imputat gie arrestat huwa u riekeb fil-vettura Kia Picanto JQZ-673.

L-investigazzjonijiet tal-Pulizija waslu biex gew identifikati zewg appartamenti fl-imsemmi blokk Solair Flats, precizament l-appartamenti 13 u 20, li kienu gew mikrijin lil persuni ta' nazzjonalita` Georgiana. Meta l-Pulizija dahlet f'dawn l-appartamenti, fl-appartament 13 sabu tliet irgiel ta' nazzjonalita` Georgiana – Ramazi Ashordia, Giorgi Bujiashvili u Gela Kharazishvili - u fl-appartament 20 sabu fost ohrajn lill-imsemmi Gabriel Jabashanuri, ukoll ta' nazzjonalita` Georgiana kif ukoll baskett li kien fih *inter alia* diversi dokumenti intestati lill-imputat, Elguja Bzikadze, fosthom polza tal-assigurazzjoni tal-ivvjaggar, biljett tal-ajru kif ukoll dokumenti li jindikaw li l-imputat kellu *bookings* gewwa zewg lukandi, wahda l-Belt[7] u l-ohra tas-Sliema[8], fix-xahar ta' Awwissu 2018[9]. Minn tfittxija li saret mill-Pulizija fiz-zewg appartamenti in kwistjoni, instabu diversi oggetti li kienu suspettati misruqa: fl-appartament bin-numru 13 nstab kwantita` ta' boroz bid-deheb, gojjelleria fosthom gizirajjen, crieket u arloggi u muniti antiki, filwaqt li fl-appartament bin-numru 20 nstab ammont ta' ghodod, nuccalijiet tax-xemx u *top-up cards* fost oggetti ohrajn.

Il-Pulizija wettqu ezercizzju impjenattiv u kumpless biex jigu identifikati l-vittmi ta' dawn is-serqiet u minn rapporti recenti li kienu saru dwar serq minn diversi residenzi madwar Malta, gie stabbilit li l-oggetti li nstabu fl-appartamenti in kwistjoni kienu provenjenti minn mhux inqas minn erbatax-il serqa differenti. Il-vittmi ta' dawn is-serqiet gew murija r-ritratti tal-oggetti misjuba fl-appartamenti - liema ritratti kienu ttiehdu mill-esperti tal-forensika

[6] Il-hanut li deher fir-ritratt gie identifikat bhala hardware store ossia ironmongery fi Triq 10 ta' Frar Bugibba – ara xhieda ta' PC 512 Josef Gerada tal-1 ta' Novembru 2018, liema xhud kien wettaq it-tfittxija ghall-imsemmi stabbiliment.

[7] La Falconeria – Dok. LZ16.
[8] Sliema Marina Hotel – Dok. LZ15.
[9] Mill-verifiki li saru mill-Pulizija, l-imputat ma deherx fil-lukandi fil-perijodu tal-bookings rispettivi – are xhieda tal-Ispettur Lydon Zammit.

(Dok. MDF1) mahturin fl-Inkjesta Magisterjali li kienet infethet b'rabta mas-serqa minn gewwa 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan – u identifikaw diversi oggetti bhala oggetti misruqin mir-residenzi taghhom. L-aktar serqa recenti fost dawn is-serqiet kienet dik li sehhet minn gewwa residenza 26 Edera Triq Balaguer Hal Balzan, fid-29 ta' Awwissu 2018 ghad-detriment ta' Hector u Monica Chetcuti; serqa ohra kienet saret minn residenza Summer Season, Flat 5, Triq Parades San Pawl li giet irrapurtata fis-27 ta' Awwissu 2018 ghad-detriment ta' Frans Anton Joachim u Margot Doris u serqa ohra minn residenza 11 Aurora, Triq Raffael Caruana Dingli, Mosta li giet irrapurtata fl-24 ta' Awwisu 2018 u li saret ghad-detriment ta' Denise Mallia. L-imputat qed jigi mixli li kkommetta dawn is-serqiet fost serqiet ohrajn.

Mill-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li fl-appartament bin-numru 13 Solair Flats, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, instabu wkoll oggetti misruqin u provenjenti minn diversi serqiet ohrajn lil hinn mis-serqiet li jinsab mixli bihom l-imputat fil-proceduri odjerni, fost ohrajn serqiet minn residenza fi Triq Qortin, Mellieha, rapportata fil-11 ta' Awwissu 2018[10], minn residenza fi Triq Hal Qormi, Hal Luqa, rapportata fis-6 ta' Awwssu 2018[11], minn residenza fi Triq il-Luqa, Zabbar fit-23 ta' Lulju 2018 u minn residenza fi Triq id-Dawr, Mosta, rapportata fis-27 ta' Awwissu 2018.

## <u>PROVI</u>

Il-Qorti fliet l-atti u gharblet bir-reqqa l-provi voluminuzi li tressqu mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawza u minn dan l-ezercizzju ta' evalwazzjoni tal-provi, sejra taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet ta' fatt u osservazzjonijiet li mbaghad sejrin jigu applikati biex iservu bhala l-bazi tal-konkluzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputat.

[10] Ara xhieda ta' James Grech tal-11 ta' Gunju 2019.
[11] Ara xhieda ta' Claudette Vella tal-21 ta' Mejju 2019.

L-imputat irrilaxxa tliet stqarrijiet b'mezz awdjo-viziv[12]: zewg stqarrijiet gew rilaxxati fit-30 ta' Awwissu 2018, filwaqt li stqarrija ohra giet rilaxxata waqt li l-imputat kien qed jigi interrogat mill-Pulizija fil-5 ta' Settembru 2018.

Fil-5 ta' Settembru 2018 ittiehdet stqarrija ohra minghand l-imputat izda l-Qorti tinnota illi f'din id-data l-imputat kien diga` tressaq quddiem il-Qorti mixli bl-akkuzi f'din il-kompilazzjoni u l-arrest tieghu gie konvalidat mill-istess Qorti. Dan ifisser li huwa baqa' jinzamm detenut taht il-kustodja tal-Qorti u mhux iktar tal-Pulizija. In linea mal-ligi u l-gurisprudenza pacifika in materja[13], il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkostanzi, l-imputat seta' jigi interrogat mill-Pulizija biss bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 408 tal-Kap. 9 u cioe`, purche` jkun intalab u inghata l-permess tal-Magistrat li jkun qed imexxi l-kumpilazzjoni. Madanakollu, ma jirrizultax mill-atti li ghandha quddiemha din il-Qorti, illi din l-awtorizzazzjoni nghatat, wisq inqas jirrizulta li giet mitluba. Il-Qorti tistenna illi t-talba ghall-permess u l-awtorizzazzjoni relattiva mill-Magistrat tal-kumpilazzjoni jigu prodotti mill-Prosekuzzjoni fl-atti tal-kawza sabiex jigi eliminat kull dubju dwar l-ammissibbilita` tal-interrogazzjoni tal-imputat fil-5 ta' Settembru 2018 wara li tressaq quddiem il-Qorti u gie rimandat f'detenzjoni taht l-awtorita` taghha. Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' prova li gew osservati d-dettami tal-Artikolu 408 tal-Kap. 9, il-Qorti tqis illi l-istqarrija rilaxxata mill-imputat fil-5 ta' Settembru 2018 meta gie interrogat mill-Pulizija minghajr ma ntwera li kien inghata permess mill-Magistrat ghal dan il-fini, hija inammissibbli bhala prova indipendentement minn kull kwistjoni dwar il-volontarjeta` tal-istqarrija.

Fl-istqarrija rilaxxata minnu waqt l-interrogazzjoni tieghu fit-30 ta' Awwissu 2018, l-imputat, li huwa ta' nazzjonalita` Georgiana, iddikjara li huwa wasal Malta fis-16 ta' Awwissu 2018 u minflok mar jikri kamra gewwa lukanda, iddecieda li jikri karozza biex ikun jdur biha kif ukoll jorqod fiha. L-imputat

[12] Dawn gew traskritti u esebiti komplessivament bhala Dok. MM1.

[13] Ara **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Mifsud**, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), sentenza preliminari 22 ta' Jannar 1985.

spjega illi meta wasal l-arjuport Malta, gie jiltaqa' mieghu persuna ta' nazzjonalita` Georgiana bl-isem Zuia, li akkumpanjah biex jikri vettura. Mill-provi izda, jirrizulta illi kien biss fil-21 ta' Awwissu 2018 li l-imputat kera vettura. Din il-vettura kienet tat-tip Kia Rio bin-numru ta' registrazzjoni DBK-629 u giet mikrija mill-istabbiliment Sundrive Car Rentals gewwa Bugibba, fil-21 ta' Awwissu 2018 u dan sat-28 ta' Awwissu 2018[14], filwaqt illi sussegwentement, fit-28 ta' Awwissu 2018, huwa kera vettura ohra, Kia Picanto bin-numru ta' registrazzjoni JQZ-673 mill-istess stabbiliment. Din il-vettura kellha tigi ritornata fit-30 ta' Awwissu 2018.

Ghalkemm waqt l-interrogazzjoni l-imputat stqarr li meta wasal Malta ma kellux biljett tar-ritorn ibbukkjat, jirrizulta li dan mhux minnu ghaliex id-dokumenti li nstabu fil-baskett gewwa l-appartament bin-numru 20, Solair Flats, juru li huwa kien xtara biljett tal-ajru biex jitlaq minn Malta b'titjira tal-Airmalta fit-23 ta' Awwissu 2018, ferm qabel il-wasla tieghu Malta[15]. Mill-provi jirrizulta wkoll illi kuntrarjament ghal dak li stqarr waqt l-interrogazzjoni, l-imputat ma wasalx Malta fis-16 ta' Awwissu 2018 izda fl-14 ta' Awwissu 2018 u dan skont kif jirrizulta mix-xhieda ta' Astrid Ann Grech[16]. Barra minn hekk, id-dokumenti li nstabu fil-baskett fuq imsemmi, juru li l-imputat kien ghamel *reservations* f'zewg lukandi f'Malta ghall-perijodu komplessiv mill-14 ta' Awwissu 2018 sat-23 ta' Awwissu 2018[17]. Jigi osservat ukoll illi fl-iskrittura tal-kiri tal-vetturi minghand Sundrive Car Rentals, l-imputat indika l-indirizz tieghu gewwa Malta bhala "San Antonio Hotel", liema lukanda, madanakollu, huwa stqarr li ma kienx qed joqghod fiha.

Mistoqsi fejn kien qed jirrisjedi waqt iz-zjara tieghu f'Malta l-imputat qal li huwa kien jorqod fil-vettura mikrija ghandu u qal ukoll illi gie li kien joqghod ghand xi persuni li sar jafhom. Huwa nnega li kien qed jirrisjedi f'xi

---

[14] Ara xhieda ta' Paolo Di Maggio li xehed fl-24 ta' Settembru 2018.
[15] Ara Dok. LZ14 – ir-reservation tat-titjira kienet gia` konfermata **fid-9 ta' Awwissu 2018**.
[16] 24 ta' Settembru 2019, Dok. AG1.
[17] Fix-xhieda tieghu l-Ispettur Lydon Zammit qal li minn verifiki li saru mill-Puizija, jirrizulta li l-imputat, effettivament, qatt ma mar joqghod f'dawn il-lukandi.

appartament fil-blokk Solair Flats, gewwa Triq il-Hgejjeg, Bugibba minn fejn il-Pulizija elevaw baskett kontenenti biljetti tal-ajru intestati lilu kif ukoll id-dokumenti ohrajn dwar ivvjaggar f'ismu u *bookings* tal-lukandi li wkoll saru f'ismu[18].

Madanakollu, mill-provi jirrizulta li l-imputat kera l-ewwel vettura mill-istabbiliment Sundrive Car Rentals fil-21 ta' Awwissu 2018 u mhux fl-14 ta' Awwissu 2018 meta wasal Malta. Affrontat b'dawn id-diskrepanzi kollha, l-imputat ma kienx kapaci jaghti spjegazzjonijiet li jaghmlu sens u insista li huwa ma jiftakarx la meta wasal Malta u lanqas meta kienet l-ewwel darba li kera vettura gewwa Malta. Qal li huwa kien wasal Malta biss b'*backpack* bil-hwejjeg, €700 fi flus kontanti u credit cards, izda meta gie mistoqsi x'sar minn dan il-baskett, qal li kien baghtu bil-hwejjeg b'kollox lura lejn pajjizu ma' persuna Georgiana li sar jafu hawn Malta. Ma setax jispjega lanqas, b'mod konvincenti kif gie Malta bl-ammont ta' €700 fi flus kontanti, izda meta gie arrestat gimaghtejn wara, wara li kien hallas ukoll ghall-kirja tal-vetturi, kien ghad kellu fil-pussess tieghu €340 f'kontanti fost ammont ta' flus iehor kontanti ta' pajjizi differenti[19]. Ghalkemm qal li habib tieghu mill-Georgia jismu Beso gablu s-somma ta' circa €1,500 meta gie Malta, huwa ppruvat mix-xhieda ta' John Coppini[20] li kien l-imputat innifsu li minn Malta kien baghat is-somma ta' €950 f'kontanti permezz ta' *moneygram* lil certu Tamta Bzikadze gewwa l-Georgia.

Mill-provi huwa stabbilit ukoll illi fl-istess appartament fejn instab il-baskett bid-dokumenti appartenenti lill-imputat, kien qieghed jirrisjedi wkoll persuna ta' nazzjonalita` Gorgjana bl-isem Gabriel Jabushanuri, li huwa l-istess persuna li deher fil-filmat gewwa l-istabbiliment BHS Hardware Store gewwa Triq 10 ta' Frar, San Pawl il-Bahar flimkien mal-imputat, jixtru xi ghodda. L-imsemmi

[18] Dok. LZ14, LZ15 u LZ16.
[19] Ara Dok. LZ11, fol. 81 u 82. L-imputat eskluda, fl-istqarrija tieghu, illi gibed flus bil-credit cards tieghu u insista huwa stess li uza l-credit cards biss biex jixtri xi affarijiet zghar – fol. 174, 175.
[20] 9 ta' April 2019.

Gabriel Jabushanuri fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, kif ukoll l-imputat innifsu fl-istqarrija li rrilaxxa fit-30 ta' Awwissu 2018[21], affermaw illi huwa minnu li huma kienu flimkien gewwa l-istabbiliment in kwistjoni fis-16 ta' Awwissu 2018 izda cahdu li kienu jafu lil xulxin jew li kienu jirrisjedu flimkien gewwa Malta[22]. Madanakollu, fil-fotogrammi esebiti fl-atti, hu ovvju li dawn iz-zewg persuni kienu qed jixtru l-ghodda flimkien.

Effettivament fit-tieni stqarrija rilaxxata mill-imputat fit-30 ta' Awwissu 2018, l-imputat jistqarr specifikatament li Gabriel Jubashanuri huwa l-persuna li jidher mieghu fir-ritratt li nstab fuq il-mobile tieghu, liema ritratt jidher li ttiehed fis-16 ta' Awwissu 2018 quddiem il-hanut minnn fejn xtara l-ghodda. L-imputat stqarr ukoll li jista' jkun li dik il-persuna mar mieghu biex jghinu jixtri l-ghodda u meta gie muri l-ghodod li gew elevati mill-vettura Kia Picanto mikrija lilu, ammetta li huwa kien xtara xi haga ta' dik ix-xorta simili meta kien Malta, speci ta' pliers u wrench, izda ma setax jghid fejn hallihom jew jekk kienx tilifhom.

Sinjifikanti fir-rigward huwa l-fatt illi ghalkemm l-imputat stqarr waqt l-interrogazzjoni tieghu fit-30 ta' Awwissu 2018, illi huwa ma kien jaf lil hadd Malta u ma gie jiltaqa' ma hadd, jirrizulta illi jumejn wara li wasal Malta, fis-16 ta' Awwissu 2018 huwa kien iltaqa' mal-imsemmi Gabriel Jabashanuri barra l-imsemmi hardware store biex jixtri l-ghodda u ha r-ritratt li sussegwentement instab fit-telefon cellulari tieghu[23]. Kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Lydon Zammit, kien dan ir-ritratt li wassal biex jigi identifikat l-imsemmi Gabriel Jabashanuri u l-persuni ohrajn ta' nazzjonalita` Gorgjana li kienu residenti fl-

[21] Il-verzjoni tal-imputat dwar din il-persuna l-ohra inbidlet minn verzjoni inizzjali fejn qal li ma kienx jaf min hi l-persuna, ghal verzjoni fejn qal li l-persuna l-ohra kienet baghtitu jixtri ghodda minn petrol station.

[22] Ara fol. 474, 475, 476, 477, 482, 483 tal-proces-verbal Dok. MDF1 konsistenti fi fotogrammi mehudin minn CCTV camera gewwa BHS Hardware Store, Triq 10 Frar San Pawl il-Bahar, fis-16.8.2018, liema stills juru kjarament lill-imputat ma' terza persuna gewwa l-hanut, liema persuna ohra jirrizulta li huwa Gabriel Jabashanuri, kif del resto ammess minnu stess fix-xhieda tieghu.

[23] Ara xhieda tal-Ispettur Lydon Zammit, 20 ta' Settembru 2018.

appartamenti fejn instabu l-hwejjeg provenjenti minn diversi serqiet, uhud minnhom addebitati lill-imputat odjern f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti semghet lil Gabriel Jabushanuri jixhed quddiemha u qieset, anke mill-komportament evaziv u r-reticenza evidenti tieghu li jwiegeb ghad-domandi li sarulu, li l-verzjoni tieghu safejn ghandha x'taqsam mar-relazzjoni tieghu mal-imputat, hija ferm nieqsa mill-kredibbilita`. Fuq kollox, ghalkemm ix-xhud innega li huwa kien jaf lill-imputat u insista illi ltaqa' mieghu fil-hanut in kwistjoni biss darba b'kumbinazzjoni, xorta wahda kien pront li jidentifika lill-istess imputat fl-awla minnufih meta gie mistoqsi min hi l-persuna li fil-fotogrammi murija lilu, kienet flimkien mieghu fil-hanut. Dan minnufih wara illi x-xhud kien qal li ma gharaf lil hadd fl-awla. Il-Qorti, biex waslet taghmel din l-osservazzjoni, hadet qies ukoll tal-fatt illi mill-provi jirrizulta illi **l-baskett kontenenti diversi dokumenti tal-imputat, instab fl-istess appartament fejn kien qed jirrisjedi Gabriel Jabushanuri u fejn gie wkoll arrestat l-istess persuna**.

L-imputat stqarr ulterjorment illi fid-29 ta' Awwissu 2018 huwa kien wassal li zewg persuni ta' nazzjonalita` Gorgjana, certu Rati u Giorgi[24], go Triq Balaguer, Hal Balzan bil-vettura mikrija ghandu, Kia Picanto JQZ-673, liema vettura ntgharfet (ghad bin-numru JQZ-473) mill-persuna li anonimament irrapportat is-serqa li kienet qed issehh dak il-hin gewwa l-fond 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan[25]. Stqarr illi huwa kien iltaqa' ma' dawn iz-zewg persuni gewwa Bugibba u accetta li jwassalhom f'post fejn qalulu li kellhom bicca xoghol u kien Giorgi li saq il-vettura sa Hal Balzan. L-imputat qal li ma jafx x'ghamlu izda baqa' jistennihom fil-karozza sakemm ra li kienu qed idumu, u mbaghad telaq. Ta' min jinnota li s-serqa minn gol-imsemmi fond saret fid-29 ta' Awwissu 2018 bejn nofsinhar u s-1.30 p.m. cioe` fl-istess data u hin li l-imputat jirrizulta, anke *ex admissis*, li kien fl-akkwati ta' Triq Balaguer, Hal

[24] Ara stqarrija tal-imputat tat-30.8.2018, fol. 184.
[25] Ara registrazzjoni tat-telefonata Dok. LZ9.

Balzan[26]. Barra minn hekk, jirrizulta wkoll illi meta l-imputat gie arrestat fil-vettura Kia Picanto JQZ-673 dakinhar stess tal-imsemmija serqa gewwa Hal Balzan, il-Pulizija sabet zewg screw drivers u spanner mohbija taht is-seat tax-xufier tal-istess vettura.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi certu Giorgi Bujiashvili ta' nazzjonalita` Georgiana, gie arrestat fl-appartament bin-numru 13, gewwa Solair Flats, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, fl-istess akkwati fejn kien gie arrestat ftit qabel fl-istess gurnata l-imputat, **f'liema appartament, kif gia` nghad, instabu hwejjeg li gew misruqin minn diversi residenzi fosthom – kif ser jintqal iktar 'il quddiem - fl-imsemmija serqa minn gewwa l-fond Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan**, kif ukoll oggetti ohrajn li nsterqu minn gol-fond 11, Aurora, Triq Rafael Caruana Dingli, Mosta, mill-fond 4, Porthole, Plajjet Bognor San Pawl il-Bahar u mill-fond 5, Summer Season, Triq Parades, San Pawl il-Bahar. Dawn huma lkoll serqiet li saru fil-perijodu li fih l-imputat kien jinsab Malta[27] u li jinsab mixli bihom l-istess imputat.

L-imsemmi Giorgi Bujiashvili xehed quddiem il-Qorti wara li gie processat in konnessjoni ma' whud mis-serqiet li dwarhom instabu oggetti misruqin gewwa z-zewg appartamenti f'Solair Flats u ghalkemm kien evaziv ghal-ahhar, il-Qorti tosserva li huwa stqarr li kien jaf lill-imputat ghaliex kienu joqghodu Bugibba u kien iltaqa' mieghu diversi drabi matul perijodu ta' gimaghtejn meta l-imputat kien qieghed Malta. Giorgi Bujiashvili stqarr ukoll waqt ix-xhieda tieghu illi huwa kien jirrisjedi gewwa Bugibba flimkien ma' Ramazi Ashordia u Gela Kharazishvili - li wkoll tressqu quddiem il-Qorti b'rabta mal-istess serqiet fuq imsemmija - filwaqt li Gabriel Jabashanuri kien joqghod ghalih wahdu u mhux

[26] Ara xhieda ta' Spettur Cristina Delia u PC 1545 Nikolai Baldacchino. Ara wkoll *call profiles* tan-numru 77350648 esebiti a fol. 340 *et seq.*, liema *call profiles* juru illi fid-29 ta' Awwissu 2018 bejn il-hin ta' 11:45h u 11:54h, l-imputat kien fl-inhawi ta' "Balzan Church". 77350648 huwa n-numru tat-telefon indikat mill-imputat innifsu fuq Dok. AF1 u AF2 ghall-fini tal-kiri ta' vetturi mill-istabbiliment Sundrive Car Rentals.

[27] L-imputat qed jigi mixli f'dawn il-proceduri li huwa kkommetta dawn is-serqiet appena msemmija, fost serqiet ohrajn.

maghhom.  Fil-fatt, kif inghad, huwa stabbilit li l-istess Gabriel Jabashanuri gie arrestat fl-appartament bin-numru 20 gewwa Solair Flats, sovrastanti l-appartament bin-numru 13 fejn kienu jirrisjedu - u gew arrestati - Ramazi Ashordia u Gela Kharazashvili.

Jirrizulta wkoll mill-provi[28] illi dawn il-persuni li gew arrestati fl-appartament bin-numru 13 gewwa Solair Flats, Triq il-Hgejjeg, Bugibba[29], kif ukoll Gabriel Jabashanuri li kien jirrisjedi f'sular sovrastanti fl-istess blokk appartamenti (flat bin-numru 20 fejn instab il-baskett tal-imputat), ilkoll tressqu quddiem il-Qorti f'proceduri separati akkuzati b'uhud mis-serqiet li gew addebitati wkoll lill-imputat Elguja Bzikadze fil-proceduri odjerni.

Fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, Ramazi Ashordia xehed illi huwa kien ilu Malta biss xi xahar jew xahar u nofs qabel gie arrestat u qal li ma jiftakarx jekk kienx ra lill-imputat fl-appartament fejn kien qed jirrisjedi gewwa Bugibba izda ma jistax jeskludi li kien ikun fl-appartament f'xi hin meta huwa kien barra.  L-istess xehed Gela Kharazashvili li ghalkemm kien jaf lill-imputat minn Bugibba, ma jiftakarx lill-imputat fl-appartament fejn kien joqghod flimkien ma' Ramazi u Giorgi u persuni Gorgjani ohrajn, izda ma jeskludix illi l-imputat seta' tela' fl-appartament ma' xi hadd iehor[30].

Minn tfittxija li saret mill-Pulizija fl-appartament bin-numru 13, Solair Flats, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, giet identifikata kwantita` konsiderevoli ta' deheb f'boroz u basktijiet imxerrdin mal-flat fost hwejjeg ohrajn.  Imbaghad, fl-appartament bin-numru 20 tal-istess blokka, fost hwejjeg ohrajn misruqin, instab baskett li kien mimli bil-hwejjeg u biljetti tal-ajru f'isem l-imputat kif

[28] Ara xhieda Spettur Cristina Delia u noti tal-gheluq tal-Inkjesti fil-Processi Verbali esebiti fl-atti ta' din il-kawza, minn fejn jirrizulta illi **l-Pulizija ressqu lil Ramazi Ashordia, Gabriel Jabushanuri, Gela Kharazishvili u Giorgi Bhurashvili mixlijin bis-serqiet mertu tal-kawza odjerna, fosthom dawk li twettqu mill-fond Edera gewwa Triq Belaguer, Hal Balzan (fol.842), mill-fond 11, Aurora, Triq R. Caruana Dingli, Mosta (fol. 1008)**, kif ukoll b'serqa mill-fond gewwa Mirabelle, Triq id-Dawr, Mosta (fol. 1001), fost ohrajn.

[29] Cioe` Ramazi Ashordia, Gela Kharazashivili u Giorgo Bukarashvili.

[30] Xhieda tal-10 ta' Awwissu 2020, fol. 1549 sa 1557.

ukoll dokumenti li jindikaw li l-imputat kellu *bookings* gewwa zewg lukandi, wahda l-Belt u l-ohra tas-Sliema[31].

Rigward l-oggetti misruqin li nstabu mill-Pulizija fl-appartamenti bin-numri 13 u 20, Solair Flats, Triq il-Hgejjeg, Bugibba, xehdu fost ohrajn, is-segwenti vittmi ta' serqiet varji li gharfu whud mill-oggetti li nstabu fl-imsemmija appartamenti bhala oggetti li gew misruqin mir-residenzi taghhom bejn Lulju u Awwissu 2018:-

- Daniela Axiaq, li xehdet fid-9 ta' April 2019, ikkonfermat illi whud mill-oggetti li gew misruqa mill-proprjeta` taghha gewwa 12, Josline Court, Penthouse 2, Triq J. Quintanus, Qawra, fis-Sajf tal-2018, kienu fost dawk li nstabu fl-appartament 20, Solair Flats, Triq il-Hgejjeg, Bugibba.

- Mary Borg, li wkoll xehdet fid-9 ta' April 2019, ikkonfermat illi whud mill-oggetti li nsterqulha mill-proprjeta` taghha 'Mirabelle', Triq id-Dawr, Mosta, fis-27 ta' Awwissu 2018, kienu fost dawk li instabu fl-appartament 20, Solair Flats, Triq il-Hgejjeg, Bugibba.

- Claudette Vella, li xehdet fil-21 ta' Mejju 2019 dwar serqa mid-dar taghha gewwa Hal Luqa, Qormi Road, gharfet gizirana li nstabet fl-appartament numru 20[32].

- Denise Mifsud xehdet fid-9 ta' April 2019 dwar serqa mill-fond taghha bl-isem Aurora, Triq Rafael Caruana Dingli, Mosta li twettqet bejn it-22 u 24

[31] Lista tal-oggetti elevati mill-appartamenti 13 u 20, gewwa Solair Flats, Triq il-Hgejjeg, tifforma parti mir-relazzjoni ta' Dr Richard Sladden Dok. RS1 – fol. 647 (fol. 270 *et seq.* tal-*proces-verbal* dwar serqa bi sgass minn gewwa residenza numru 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan (Dok. MDF1) u Dok. RS2 – fol. 762 (fol. 384 *et seq*. tal-istess *proces-verbal*). Ara wkoll ritratti tal-oggetti li nstabu fl-appartamenti 13 u 20 formanti parti mir-relazzjoni ta' WPS 293 Michelle Camilleri f'Dok. MDF1, u ritratti ta' oggetti elevati mill-istess zewg appartamenti, formanti parti mir-relazzjoni ta' PC959 Daniel Formosa, ilkoll fl-atti tal-istess Inkjesta Magisterjali.

[32] Fol. 590 ritratt 9 u fol 598 ritratt 23 curkett; fol.787 ritratt B11.

ta' Awwissu 2018 u gharfet l-oggetti li jidhru fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' WPS 293 Michelle Camilleri (parti minn Dok. MDF1) ta' oggetti li nstabu fl-appartament numru 20[33].

- Hector Chetcuti ukoll ikkonferma whud mill-oggetti li nstabu gol-appartament 20, bhala oggetti li gew misruqa mir-residenza tieghu bl-isem Edera, 26, Triq Balaguer, Hal Balzan u li jinsabu elenkati fil-lista li huwa rrediga tal-oggetti misruqin (Dok. HC1)[34].

- Frans Joachim Anton, li xehed fi-21 ta' Mejju 2019 dwar serqa mir-residenza tieghu gewwa Apartment 5, Summer Season, Triq Parades, San Pawl il-Bahar fis-27 ta' Awwissu 2018 u gharaf xi oggetti li nstabu fl-appartamenti 20 u 13[35].

- James Grech xehed fil-11 ta' Gunju 2019 dwar serqa minn gor-residenza tal-familja tieghu gewwa l-Qortin Mellieha li twettqet f'Awwissu 2018 u li gharaf camera tar-ritratti minn fost l-oggetti li nstabu fl-appartament 20 (ritratt 65, fol. 622)

- Lydia Vella wkoll xehdet illi fit-2 ta' Lulju 2018 insterqu diversi oggetti mill-appartament taghha gewwa Plajjet Bognor, Bugibba, fosthom curkett, deheb iehor u muniti, li whud minnhom gharfet fost l-oggetti elevati mill-appartament 13 u 20[36].

Rigward specifikatament is-serqa mill-appartament bin-numru 5, Summer Season, Triq Parades, San Pawl il-Bahar fis-27 ta' Awwissu 2018[37], Suzanne Gulia xehdet illi fis-27 ta' Awwissu 2018, ghall-habta tat-8.30 a.m. filwaqt li

[33] Fol. 598 ritratt 23 u 25; ritratt 78 a fol. 629; ritratt 82 a fol. 632; ritratt B35 a fol. 812, fost ohrajn.
[34] Dok. MDF1, fol. 589 ritratt 7, 8; fol. 592 ritratt 13; ritratt 28 a fol. 601; ritratt 34 u 35 a fol. 605
[35] Ritratt B17 fol. 792 gojjellerija; ritratt B6 fol 779 borza; ritratt 3 fol 587 gizirana tad-deheb
[36] Fol. 599 curkett ritratt 24; fol 615 ritratt 52; fol. 617 ritratt 55 muniti tal-fidda etc.

[37] Vide okkorrenza Dok. LZ4.

hija kienet diehla mill-bieb tal-komun tal-imsemmija blokka, iltaqghet wicc imb'wicc ma' ragel fil-komun tal-blokk. Dan ir-ragel, li x-xhud qalet li ma kienx wiehed mir-residenti tal-blokk, fethilha l-bieb tal-komun u hareg. **Waqt ix-xhieda taghha, ix-xhud gharfet lil din il-persuna bhala l-imputat f'din il-kawza**. Kompliet tfisser li hija rat illi wara huwa hareg mill-blokk, l-imputat qasam it-triq faccata u beda jhares lejn il-blokk, qabad il-mobile u beda jcempel u ftit tal-hin wara, rat ukoll ragel iehor fil-komun niezel bil-lift u f'idu kellu karti kif ukoll handbag. Billi x-xhud kienet qed tissuspetta li dawn il-persuni dahlu biex jisirqu minn wiehed mill-appartamenti, telghet sular sular fil-blokk sakemm rat il-bieb tal-penthouse bin-numru 5, miftuh u lemhet ukoll diversi kxaxen fuq gewwa miftuhin.

Rigward, imbaghad, is-serqa minn gor-residenza 11, Aurora, Triq Rafael Caruana Dingli, Mosta, li saret bejn it-22 ta' Awwissu 2018 u l-24 ta' Awwissu 2018, il-Qorti osservat illi l-filmati mehudin minn CCTV camera fit-triq in kwistjoni vicin l-istess residenza, juru lill-vettura **Kia Rio DBK-629 ghaddejja mill-istess triq fit-22 ta' Awwissu 2018, mhux darba biss izda darbtejn f'tletin minuta fil-5.30 p.m. u fid-6.00 p.m.** Kif diga` rajna, din il-vettura kienet mikrija lill-imputat bejn is-16 ta' Awwissu 2018 u 28 ta' Awwissu 2018 u ghalhekk, ghal darb'ohra, hija stabbilita l-presenza tal-imputat fl-akkwati u fi zmien relevanti ghas-serqa[38].

Kif diga` nghad, il-presenza tal-imputat fuq il-lok u fil-hin tas-serqa mir-residenza Edera gewwa Triq Balaguer, Hal Balzan, diga` giet ampjament stabbilita.

Dan kollu, maghdud istqarrija tal-imputat innifsu fir-rigward u x-xhieda tal-Ispettur Cristina Delia, jikkonvinci lill-Qorti l-imputat ghen jew assista fil-

[38] Ara relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada u filmati kontenuti f'pendrive Dok. MB3. Minn din ir-relazzjoni jirrizulta li din it-triq m'hijiex arterja principali u lanqas ma hija triq li fiha xi interess turistiku u f'kull kaz, l-ispjegazzjoni li ta l-imputat bir-raguni ghaliex kien qed jiccirkola f'din it-triq, ma hijiex konvincenti u lanqas ippruvata fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet.

kommissjoni sija tas-serqa minn gol-fond Summer Season, kif ukoll is-serqa gewwa l-fond 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan fid-29 ta' Awwissu 2018, f'liema serqa insterqu diversi oggetti illi ntgharfu minn Frans Joachim Anton u Hector Chetcuti, rispettivament, fost l-oggetti li nstabu fl-appartament bin-numru 13 u 20 gewwa Solair Flats

Ikkunsidrat;

L-imputat gie mixli bir-reat tal-assocjazzjoni kriminuza mahsub fl-Artikolu 83A tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, indika specifikatament l-Artikolu 83A(1)(a)(b) u l-Artikolu 83A(2) li jipprovdu hekk:-

*(1) Kull min –*
*(a) jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja għaqda bil-ħsieb li jitwettqu reati kriminali soġġetti għal-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar; jew*
*(b) waqt li jkun jaf jew ikollu kawża raġonevoli li jissuspetta dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali tal-għaqda stabbilita għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu (a), jipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutaġġ ta' membri ġodda, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn erbgħa sa disa' snin.*
*(2) Kull min ikun jappartjeni għal għaqda msemmija fissubartikolu (1) jeħel għal dak il-fatt biss il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa seba' snin.*

In tema, il-gurista Francesco Antolisei, fil-kummenti tieghu dwar reat analogu fil-Kodici Penali Taljana imsejjah "*associazzione per delinquere*", jghid hekk:-

"*La ratio di questa incriminazione e' palese: l'esistenza di un'associazione per delinquere suscita inevitabilmente allarme nella popolazione e, quindi, di per se' sola, e cioe' indipendentemente dai delitti che siano commessi, determina un perturbamento dell'ordine pubblico."*

…

*A) "Associazione" non equivale ad "accordo", come si puo' rilevare dal confronto dell'art. 304 con l'art 305 (infra n. 240). Affinche' esista associazione occorre qualche cosa di piu': e' necessaria l'esistenza di un minimum di organizzazione a carattere stabile, senza che, pero', occorra alcuna distribuzione gerarchica di funzioni. La forma di organizzazione adottata e' indifferente, tanto piu' che, trattandosi di un'attivita' illecita, e' ben naturale che di regola si rifugga dalla tipiche forme associative. Non occorre neppure che esista ripartizione di gradi u gerarchia di funzioni, perche' la presenza di capi costituisce una mera eventualita'. Il carattere stabile del vincolo associativo da' al reato in parola la netta impronta del delitto permanente. Su cio' nessun dubbio e' consentito.*

*B) Obiettivo dell'associazione deve essere la commissione di piu' delitti (non di contravvenzioni). In altri termini, si esige che l'associazione abbia come scopo* ***l'attuazione di un programma di delinquenza, e cioe' il compimento di una serie indeterminata di delitti. Associarsi per commettere un solo delitto non integra la fattispecie in esame.*** *A differenza nel codice Zanardelli (art. 248), non si richiede che gli associati abbiano di mira alcune specie di delitti piuttosto che altre. Pure* ***irrilevante e' che i delitti in programma siano della stessa specie oppure di specie diversa*** *a che tutti o alcuni di essi siano perseguibili a querela. La molteplicita' dei delitti non e' esclusa allorche' questi sono collegati dal nesso della continuazione. ... occorre che tra le finalita' dell'associazione vi sia qualle di realizzare determinate fattispecie criminose*." [emfasi tal-Qorti]

In propositu tad-differenza bejn ir-reat tal-assocjazzjoni semplici (fil-Kodici taghna mahsub taht l-Artikolu 48A) li jehtieg prova tal-ftehim komuni biex jitwettqu delitti determinati, u r-reat tal-assocjazzjoni *per delinquere,* Antolisei jissokta jghid:-

"*L'associazione per delinquere presenta qualche affinita' con la compartecipazione criminosa, ma ne differisce profondamente. Nel concorso di persone, infatti, l'accordo fra i compartecipi e' circoscritto alla realizzazione di uno o piu' delitti nettamente individuate, commessi i quali l'accordo medisimo si esaurisce e, quindi, viene meno ogni pericolo per la comunita'. Nell'associazione a delinquere, invece,* ***dopo l'eventuale commisione di uno o piu' reati, il vincolo associative permane per l'ulteriore attuazione del programma di delinquenza prestabilito*** *e, quindi, persiste quell periodi per l'ordine pubblico che e' caratterestica essenziale del reato.*"[39] [emfasi tal-Qorti]

Ir-reat taht l-Artikolu 83A jehtieg biex jissussisti, prova ta' ghaqda ta' persuni organizzata bi pjan u bl-iskop li jigu kommessi delitti b'mod generali u l-ligi tippunixxi kull min jippromwovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja din l-ghaqda ta' zewg persuni jew izjed, kif ukoll kull min semplicement jappartjeni ghal tali ghaqda bla ma jkun involut fit-twaqqif, organizzazzjoni jew finanzjar taghha. Il-ligi taghna ma tehtiegx li l-ghaqda tkun kostitwita min-numru specifiku jew aktar, ta' persuni u ghalhekk, isegwi illi **l-ghaqda ghall-fini tal-Artikolu 83A tista' tkun kostitwita anke minn zewg persuni biss**. Il-ligi, izda, tiddistingwi bejn l-agent illi jippromwovi l-assoccjazzjoni, cioe` jwaqqafha jew li jorganizzaha; dak illi jikko-ordina l-attivita` tas-socji individwali taghha biex jassigura l-efficjenza u l-izvilupp taghha; dak li jiffinanzja l-ghaqda billi jipprovdi mezzi finanzjarji ghall-iskop ta' din l-assocjazzjoni u dak li semplicement jippartecipa lil din l-assocjazzjoni kriminuza.

[39] Francesco Antolisei: Manuele di Diritto Penale Parte Speciale Pag 228 – 232.

Issa fil-kaz odjern il-provi li gew dettaljati mill-Qorti iktar qabel f'din is-sentenza, juru illi l-erba' persuni ta' nazzjonalita` Gorgjana li gew arrestati fl-istess gurnata li gie arrestat l-imputat - li kienu **lkoll residenti f'zewg appartamenti gewwa l-istess blokka fejn instab *res furtiva* provenjenti minn erbatax-il serqa differenti[40] kif ukoll il-baskett bid-dokumenti tal-imputat** - gew ipprocessati u kkundannati ghal uhud mis-serqiet addebitati wkoll lill-imputat f'din il-kawza, **kif ukoll ghall-partecipazzjoni taghhom f'assocjazzjoni kriminali**[41]. Ghall-Qorti, fil-kumpless tal-provi kollha akkwiziti f'dan il-process, hija sodisfatta li kien gie effettivament kostitwit ghaqda bejn dawn il-persuni bil-hsieb deliberat li jikkommettu delitti ta' serq minn diversi residenzi madwar Malta[42]. Imbaghad, mix-xhieda tad-diversi vittmi li xehdu quddiemha, il-Qorti tqis li hu wkoll ovvju li fil-mira ta' din l-ghaqda ta' delinkwenti kienu dawk ir-residenzi li ma kienux okkupati b'mod regolari ghaliex is-sidien kienu lkoll residenti temporanjament f'lok iehor jew kienu msefrin[43].

Mill-assjem tal-provi, inkluz dawk cirkostanzjali, il-Qorti mhux talli fehmet illi dawn il-persuni li kienu jirrisjedu flimkien, kienu iffurmaw bejniethom jew bejn uhud minnhom, assocjazzjoni kriminuza bi pjan imfassal ghall-kommissjoni ta' diversi serqiet madwar Malta, talli tirravviza l-ezistenza ta' rabta manifesta bejn l-imputat u dawn il-persuni, b'mod partikolari Gabriel Jabashanuri u Giorgi Bujiashvili. Wara li gharblet il-provi, il-Qorti tinsab konvinta illi l-imputat gie Malta unikament bl-iskop li jinghaqad ma' dawn il-persuni u biex jippartecipa

---

[40] Prova ta' bosta minn dawn is-serqiet ingiebet f'din il-kawza permezz tax-xhieda tal-vittmi kif ukoll mir-rapporti tal-okkorrenza relattivi.
[41] Ara xhieda ta' Ramazi Ashordia, 10 ta' Awwissu 2020.
[42] Mid-diversi filmati ta' CCTV esebiti fl-atti (relazzjoni Dr. Martin Bajada u provi rigward is-serqa gewwa Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan) hu manifest li s-serqiet mertu ta' dan il-kaz, gew kommessi minn tnejn jew tliet persuni u mhux minn persuna wahedha.
[43] Ara b'mod partikolari xhieda ta' Suzanne Gulia rigward serqa mill-appartament 5, Summer Season, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, u registrazzjoni tat-telefonata anonima f'CD Dok. LZ9 u traskrizzjoni relattiva Dok. MM1 – riferibbilment ghas-serqa mill-fond 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan.

fil-perpetrazzjoni ta' whud mis-serqiet organizzati minnhom, liema serqiet sehhew fil-maggoranza taghhom, **wara** li l-imputat wasal Malta.

Biex waslet ghal din il-konkluzjoni l-Qorti hadet qies tar-rizultanzi tal-provi, kif ampjament dettaljati iktar qabel, fosthom il-fatt illi baskett kontenenti dokumenti li evidentement jirrigwardaw lill-imputat u l-vjagg tieghu lejn Malta, instab fl-appartament fejn kienu jirrisjedu dawn l-istess persuni[44]. Id-diversi rabtiet bejn l-imputat u dawn il-persuni m'humiex, fil-fehma tal-Qorti, serje ta' kumbinazzjonijiet sfortunati, izda evidenza cirkostanzjali univoka u impellenti li, mehuda u evalwata kumplessivament, twassal ghall-konvinciment morali illi l-imputat kien parti minn assocjazzjoni kriminuza. Fuq kollox, il-provi juru illi l-imputat ghen materjalment fl-organizzazzjoni u jew twettiq ta' whud mid-delitti orkestrati minn din l-assocjazzjoni ta' kriminalita` organizzata billi, *inter alia*, kera zewg vetturi li entrambi kienu manifestament involuti b'xi mod fil-kommissjoni ta' whud mis-serqiet, kif ukoll billi xtara flimkien ma' persuna ohra assocjata f'din l-ghaqda, diversi ghodod tax-xorta li jintuzaw f'serqiet bi sgass u dan biss jumejn wara l-wasla tieghu gewwa Malta. Ghalkemm l-imputat innega li huwa kien jaf lil dawn il-persuni u ma kienx qed jirrisjedi maghhom gewwa Solair Flats (fejn instabu oggetti misruqin gejjin min-numru ta' serqiet differenti), il-Qorti, mill-kumpless tal-provi u cirkostanzi senjatament **il-partecipazzjoni evidenti tal-imputat f'uhud mis-serqiet[45] li ghalihom gew ikkundannati wkoll l-erba' persuni l-ohra li kienu jifformaw parti minn din l-ghaqda kriminuza**, hija sodisfatta li kuntrarjament ghal dak li sostna waqt l-interrogazzjoni, l-imputat ma giex Malta ghal btala jew biex ifittex impieg, izda gie Malta specifikatament bil-hsieb li jassocja ruhu ma' dan il-grupp ta' kompatrijotti fit-twettiq ta' serq b'mod generali minn residenzi f'postijiet varji f'Malta.

---

[44] Jigi mfakkar li meta l-imputat gie arrestat, ma nstab l-ebda baskett bi hwejjeg personali fil-pussess tieghu. L-imputat allega li huwa kien diga` baghthom lura lejn pajjizu ma' persuna ohra ta' nazzjonalia` Gorgjana.

[45] Serqa minn gewwa l-fond 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan – ara nota tal-gheluq tal-Inkjesta Malgisterjali relattiva a fol. 842.

Fir-rigward, wiehed ma jistax ma jzdix mal-assjem tac-cirkostanzi tal-kaz, il-kontradizzjonijiet netti u t-tahwid shih fit-twegibiet tal-imputat waqt l-interrogazzjonijiet tieghu mill-Pulizija, senjatament dwar l-iskop taz-zjara u l-post tar-residenza tieghu gewwa Malta, il-fatt illi huwa ghamel numru ta' *bookings* ta' tijiriet ghal u minn Malta f'dati differenti[46] u *bookings* f'lukandi li qatt ma rrisjeda fihom, il-fatt li kera zewg vetturi f'perijodu daqshekk qasir li kien ilu Malta, kif ukoll il-fatt li l-imputat evidentement gie fil-pussess ta' flus f'dan il-perijodu minghajr ma kellu ebda impjieg gewwa Malta[47] tant illi baghat is-somma ta' €950 lil xi qarib tieghu gewwa Georgia.

Madanakollu, m'hemmx provi li juru li kien l-imputat li waqqaf din l-assocjazzjoni jew li kien qed jorganizza l-attivitajiet kriminali li kellhom jitwettqu mill-membri taghha. Ghall-kuntrarju, mill-provi huwa stabbilit li din l-ghaqda kienet attiva u qed topera anke **qabel** il-wasla tal-imputat f'Malta[48]. Huwa minnu li l-imputat kera zewg vetturi f'ismu u hallas huwa stess l-ispejjez tal-kiri fis-somma totali ta' €300 f'kontanti[49] - vetturi li jidher li ntuzaw ghat-twettiq jew ghall-ippjanar ta' mill-inqas zewg serqiet[50] – izda fil-fehma tal-Qorti din il-funzjoni, ghalkemm ghandha titqies bhala rwol determinanti fl-assocjazzjoni, m'hijiex tal-entita` tali li twassal ghal prova ta' finanzjament jew organizzazzjoni tal-ghaqda kriminuza da parti tal-imputat ghall-fini tar-reat mahsub fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 83A tal-Kap. 9.

---

[46] L-imputat kellu titjira bbukkjata ghal Munich fit-23 ta' Awwissu 2018, izda baqa' ma telaqx minn Malta f'dik id-data, filwaqt li kellu wkoll titjira bbukkjata minn Malta ghal Budapest fil-31 ta' Awwissu 2018, l-ghada tal-arrest tieghu.

[47] Ara xhieda ta' Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobs Plus, 15 ta' Lulju 2019; ara wkoll ammissjoni tal-imputat fiir-rigward, fl-istqarrija tieghu tat-30.8.2018.

[48] Ara xhieda ta' Claudette Vella fil-21 ta' Mejju 2019 dwar serqa li saret fil-fond Glossy Ibis, Triq Hal Qormi, Luqa bejn it-3 u 5 ta' Awwissu 2018 u l-identifikazzjoni li hija ghamlet ta' xi oggetti misruqin, minn fost l-oggett li nstabu fl-appartamenti 13 u 20, Solair Flats, Triq il-Hgejjeg, Bugibba. **Ramazi Ashordia xehed illi huwa gie Malta f'Lulju 2018**.

[49] Ara xhieda Paolo Di Maggio fl-24 ta' Settembru 2018 u Dok. AF1 u AF2, fol. 119 u 120.

[50] Kia Picanto li ntuzat waqt is-serqa mill-fond Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan; Kia Rio DBK-629 li dehret ticcirkola gewwa Triq R. Caruana Dingli, Mosta fil-gurnata qabel is-serqa.

Fl-istess waqt izda, hu manifest li bil-kiri taz-zewg vetturi kif ukoll bix-xiri ta' ghodod[51], l-imputat ikkollabora mal-membri l-ohrajn tal-ghaqda billi assistihom bl-ghoti ta' mezzi materjali ghall-fini tal-attivitajiet kriminali tal-ghaqda kostitwita, cioe` t-twettiq ta' delitti ta' serq[52]. B'zieda ma' dan, billi l-imputat ippartecipa materjalment f'uhud mis-serqiet individwali kommessi mill-ghaqda, tissussisti prova sodisfacjenti li tikkonvinci lill-Qorti moralment illi l-imputat kien jaf u f'kull kaz kellu kawza ragjonevoli li jissuspetta dwar l-attivita` b'mod generali tal-ghaqda.

Dan ifisser illi l-azzjonijiet tal-imputat kif jirrizultaw mill-kumpless tal-provi u cirkostanzi tal-kaz, jinkwadraw sfiq fid-definizzjoni tar-reat taht l-Artikolu 83A(1)(b) anke ghaliex huwa ppruvat illi s-serqiet li gew kommessi minn din l-ghaqda ta' persuni - talanqas dawk is-serqiet li qed jigu addebitati lill-imputat f'dawn il-proceduri - huma kwalifikati bil-valur li jeccedi s-somma ta' €2,394.34 kif ukoll bil-mezz u ghaldaqstant, ir-reati kriminali li jifformaw il-hsieb tal-assocjazzjoni kriminuza, huma punibbli bi prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar.

Billi r-reat mahsub fl-Artikolu 83A(2) tal-Kap. 9, addebitat lill-imputat permezz tat-tielet akkuza, huwa provenjenti mill-istess fatt li ta lok ghar-reat mertu tat-tieni akkuza taht l-Artikolu 83A(1) tal-istess Kap. 9, cioe` l-partecipazzjoni b'mod attiv f'assocjazzjoni kriminuza, tissussisti necessarjament il-konkorrenza formali bejn iz-zewg reati u pieni taht l-Artikolu 83A(1)(b) u dak taht l-Artikolu 83(2) tal-Kap. 9 u ghandha ghalhekk tinghata l-piena ghar-reat l-iktar gravi taht l-Artikolu 83A(1)(b).

Ikkunsidrat;

---

[51] Mill-provi, inkluz mir-ritratti formanti parti mill-processi verbali esebiti fl-atti, kif ukoll mix-xhieda ta' Mary Zarb, jirrizulta li bosta mis-serqiet twettqu bi ksur permezz ta' lieva.

[52] L-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija tieghu dwar ir-raguni ghala xtara dawn l-ghodod ma tikkonvincix lanqas fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet.

Fir-rigward tar-raba' akkuza li l-imputat, fid-29 ta' Awwissu 2018 u fil-granet u xhur ta' qabel, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, minnufih il-Qorti tqis li m'huwiex ippruvat li l-imputat ikkommetta r-reat ta' ricettazzjoni. Ibda biex, meta huwa gie arrestat fid-29 ta' Awwissu 2018, fil-pussess tieghu ma nstabu ebda oggetti li gie ppruvat li gew akkwistati minn reat jew mehuda b'qerq. Meta l-imputat gie arrestat, fil-vettura mikrija lilu nstabu ghodod filwaqt li minn fuq il-persuna tieghu gew elevati dokumenti personali, mobile phone kif ukoll flus kontanti ta' diversi pajjizi, izda bl-ebda mod ma ntwera li dawn l-oggetti u flus gew akkwistati b'serq jew permezz ta' reat iehor. Huwa minnu li fl-appartament bin-numru 20 fejn gie identifikat baskett b'dokumenti evidentement appartenenti lill-imputat kif ukoll diversi oggetti provenjenti minn serqiet differenti kommessi fil-perijodu li huwa ghamel gewwa Malta, u huwa minnu wkoll li l-Qorti kkonkludiet li l-imputat kien jifforma parti mill-ghaqda kriminuza tal-persuni ta' nazzjonalita` Gorgjana li ngabru flimkien biex iwettqu diversi reati ta' serq. Madanakollu, il-fatt illi l-hwejjeg tal-imputat instabu f'wiehed mill-appartamenti fejn gew identifikati numru ta' oggetti misruqa mill-persuni formanti l-ghaqda kriminuza, ma jfissirx li l-imputat kien fil-pussess tal-hwejjeg misruqa. M'huwiex ippruvat sodisfacjentement illi l-imputat kien fil-pussess fiziku jew li kellu kontroll ta' dawn l-oggetti misruqa.

Ghaldaqstant, ma tistax tinsab htija fl-imputat ghar-reat ta' ricettazzjoni, kif addebitat fir-raba' akkuza u f'kull kaz, billi, kif ser jinghad iktar 'il quddiem, l-imputat sejjer jinstab hati ta' whud mis-serqiet lilu addebitati, huwa ovvju li ma jistax jinsab ukoll hati tar-reat ta' ricettazzjoni kwantu dawk is-serqiet partikolari, ghaliex hu pacifiku li din l-akkuza tinghata alternattivament ghal dik ta' serq.

Ikkunsidrat;

Bla tlaqliq jinghad ukoll li ma ngiebu l-ebda provi li l-imputat wettaq jew kien b'xi mod involut fis-serqa addebitata lilu fit-tmien akkuza, cioe` s-serqa mill-fond Apartment 4, Port Hole, Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar. Il-Qorti ma rriskontrat ebda prova ohra li torbot lill-imputat ma' din is-serqa hlief filmat minn CCTV camera fejn jidhru zewg persuni maskili fil-vicinanzi tal-fond gewwa Plajjet Bognor fil-hin approssimattiv tas-serqa. Ghalkemm wiehed mill-irgiel jixbah lill-imputat, il-Qorti ma tistax tikkonkludi li huwa proprju hu ghaliex jibqaghlha *a lurking doubt* fir-rigward. Kemm hu hekk, din il-prova ma gietx imsahha b'xi provi cirkostanzjali jew diretti ohrajn bhal per ezempju s-sejbien tal-impronti digitali tal-imputat fil-lok tas-serqa. B'zieda ma' dan, Albert Galdies, li xehed quddiem il-Qorti in konnessjoni ma' din l-istess serqa, ma gharaf ebda oggett fost dawk li nstabu fl-appartamenti 13 u 20 gewwa Solair Flats, li nsterqet minn din ir-residenza tieghu.

Rigward is-serqa mill-fond 11, Aurora, Triq R. Caruana Dingli, Mosta, il-Qorti tqis illi l-fatti wahdu nstab *res furtiva* fl-istess appartament li kien jiffrekwenta l-imputat, liema appartament jirrizulta li kien okkupat ukoll minn persuni ohrajn, m'huwiex sufficjenti biex tinstab htija fl-imputat ghat-twettiq ta' din is-serqa, la bhala l-awtur u lanqas bhala komplici. Huwa minnu li l-imputat kellu involviment fis-serqa bhala persuna assocjata fl-ghaqda kriminuza ta' diversi persuni ta' nazzjonalita` Gorgjana u, kif inghad, huwa kien qed jiccirkola bil-vettura DBK-629 fl-akkwati tal-fond gewwa Triq R. Caruana Dingli, Mosta, gurnata qabel is-serqa. Izda, ghajr ghal dawn iz-zewg cirkostanzi - li m'humiex wahedhom univoci dwar il-htija tal-imputat - ma tressqu l-ebda provi ohra mill-Prosekuzzjoni li juru li kien jinsab fuq ix-xena tad-delitt, li b'xi mod ipprovda mezzi ghall-eghmil tar-reat, jew li huwa xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi fil-kommissjoni ta' din is-serqa.

Madanakollu, kif diga` stabbilit, l-involviment tal-imputat fis-serqiet li saru mill-fond 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan u mill-appartament 5, Summer Season, Triq Parades, Bugibba, huwa ampjament ippruvat - ghalkemm huwa

manifest illi l-imputat ma kienx wahdu l-awtur tar-reat, bla dubju kien komplici ma' persuni ohrajn fil-kommissjoni ta' dawn iz-zewg serqiet.

Fir-rigward, terga' ssir referenza ghax-xhieda ta' Suzanne Gulia li gharfet lill-imputat specifikatament bhala r-ragel li fehthilha l-bieb tal-komun tal-blokk appartamenti Summer Season, gewwa Triq Parades, San Pawl il-Bahar fis-27 ta' Awwissu 2018 ftit minuti qabel skopriet is-serqa bi sgass gewwa l-penthouse ta' Frans Joachim Anton: l-istess ragel li ratu jaqsam it-triq faccata u jhares lejn il-blokka. Ix-xhud specifikat illi hija ma kienetx gharfet lil dan ir-ragel bhala persuna li joqghod f'dan il-blokk u suspettat hazin fih peress li kienet diga` vittma ta' serq mill-appartament taghha fl-istess blokk ftit taz-zmien qabel. Jirrizulta wkoll mix-xhieda taghha illi hija ltaqghet ma' ragel iehor mhux familjari li nizel bil-lift fil-komun tal-blokk dak il-hin b'karti f'idejh u handbag lagenba.

Fir-rigward tal-identifikazzjoni minn xhud tal-persuna tal-imputat, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **The Executive Police vs Bernard Pintaric**, fejn intqal hekk:-

"*Of course, this Court is not holding that the identification of a person should always be discarded. No textbook on Evidence says this and a person may be convicted on the identification by another person if the Court is convinced that the identification is a reliable one. This even more so when the identification is corroborated by other evidence.*"[53]

B'zieda mal-identifikazzjoni tal-imputat, il-vittma ta' din is-serqa, Frans Joachim Anton gharaf diversi oggetti li nstabu fl-istess appartament fejn l-

[53] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fid-19 ta' Ottubru 2005.

imputat kellu diversi dokumenti intestati lilu, bhala oggetti li gew misruqa mill-appartament tieghu f'din is-serqa.

Rigward is-serqa minn gol-fond 26, Edera, Triq Balaguer, Hal Balzan, fid-29 ta' Awwissu 2018, huwa ampjament ippruvat anke *ex admissis* mill-imputat, illi huwa wassal lil zewg persuni - li jirrizulta li kienu residenti f'Solair Flats u nstabu hatja wkoll tal-istess serqa fi proceduri kriminali separati – gewwa Triq Balaguer, Hal Balzan fil-hin li twettqet din is-serqa u dan bil-vettura mikrija lilu. Huwa stabbilit ukoll illi l-imputat kellu l-hwejjeg personali tieghu gewwa l-appartamenti fejn kienu residenti dawn il-persuni u illi Hector Chetcuti xehed illi whud mill-oggetti li nsterqulu f'din is-serqa bi sgass, huwa identifikahom fost l-oggetti li nstabu mill-Pulizija gewwa l-appartament bin-numru 20, Solair Flats. Fl-assjem ta' dawn il-provi kollha, il-Qorti hija konvinta illi l-imputat ipprovda mezzi ghall-eghmil tar-reat, konsistenti fil-vettura li wasslet lill-awturi fuq ix-xena tad-delitt, meta kien jaf li kienet ser tigi mwettqa s-serqa, tant illi r-*res furtiva* nstab fl-istess appartament fejn kellu l-hwejjeg u dokumenti tieghu. Fil-fehma tal-Qorti dan jkollu jfisser illi l-ahjar ipotesi ghall-imputat, huwa xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tas-serqa in kwistjoni.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[54], gie ribadit illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju, ghaliex id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

[54] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.

Il-Qorti, kif ghamlet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza appena msemmija, qieghda ticcita dak li qal **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[55] tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Il-Qorti, mizmum ferm il-konsiderazzjonijiet appena maghmula, tqis illi l-presenza tal-imputat fuq il-lok ta' dawn id-delitti u l-involviment tieghu fiz-zewg serqiet relattivi, huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Ghalkemm wiehed irid jiftakar illi mhux kull dubju huwa dubju ragjonevoli, f'dan il-kaz il-Qorti temmen li l-kumpless tal-provi ma jhalli ebda dubju li huwa dettat mir-raguni li l-imputat kien qed jistenna lill-persuni li wassal fit-triq tar-residenza misruqa gewwa Hal Balzan fil-hin tas-serqa, u ntgharaf fil-komun tal-blokka ta' appartamenti fejn kien ghadu kif saret serqa ohra, ghaliex kien effettivament partecipi fl-istess serqiet.

Huwa minnu li l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, ma indikax espressament l-Artikolu 42 tal-Kap. 9 ghas-sejbien ta' htija fl-imputat ta' komplicita` fiz-zewg serqiet addebitati lilu permezz tal-hames u sitt akkuzi. Madanakollu, huwa indiskuss illi l-Qorti xorta wahda tista' ssib htija fl-imputat bhala komplici fil-kommissjoni ta' dawn ir-reati, stante illi l-istat ta' komplicita` huwa kompriz u inkluz fir-reati fejn l-imputat jinsab mixli bhala l-awtur taghhom.

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza tas-7 ta' Dicembru 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter**:-

[55] 1974 - 2 ALL ER 372.

"*Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat*".

In konkluzjoni, ma hemmx wisq dubju li mill-evidenza prodotta, jirrizulta ampjament ippruvat s-serqiet mertu tal-hames u s-sitt akkuzi kienu effettivament kwalifikati bil-vjolenza numerika, bil-valur f'somma li teccedi s-somma ta' €2,329.37, bil-mezz u bil-lok u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati ta' dawn ir-reati bl-aggravji kollha addebitati fl-akkuzi relattivi.

Ikkunsidrat;

Ghall-fini tal-kalibrazzjoni tal-piena, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz tezisti konkorrenza formali ta' reati ghaliex l-istess fatt kriminuz ikun jivvjola "unico contextu" zewg dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali, b'mod li jitnisslu minnu zewg titoli ta' reati[56], cioe` reati ta' serq u r-reat tal-assocjazzjoni kriminali. Konsegwentement, bl-applikazzjoni tad-dottrina tal-konkorrenza ideologika ta' reati u pieni, ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-iktar gravi, f'dan il-kaz ir-reat tal-assocjazzjoni kriminali taht l-Artikolu 83A(1).

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1), ir-raba' (4), is-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 83A(1)(b), 83A(2), 261(a)(b)(c)(e), 262, 263, 264, 265 267, 269(g), 276, 277(b), 278, 279 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,**

[56] **Il-Pulizija vs. Karmenu Cassar**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 21.4.1945, Kollez. XXXII. iv. p.895.

**qieghda ssib lil ELGUJA BZIKADZE hati tat-tieni (2), it-tielet (3), il-hames (5) u sitt (6) akkuzi u tikkundannah erba' (4) snin prigunerija.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li kull żmien qabel illum li l-hati ikun inżamm fil-ħabs għar-reati li tagħhom qieghed jinstab hati u kkundannat permezz ta' din is-sentenza, jitqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija taht u ghall-fini ta' din il-kundanna tal-lum.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil ELGUJA BZIKADZE sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' (€804.39) rapprezentanti sehem ta' wiehed minn hamsa (1/5) tal-ispejjez ammontanti ghal €4,021.94[57], kif ukoll is-somma ta' €168.94[58], b'kollox is-somma komplessiva ta' €973.33 li jirrizultaw mill-process li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti u periti mahturin fil-proċeduri u fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesti li ghandhom x'jaqsmu ma' din il-kawza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

57 Joseph Mallia - €220.07 fol 407, Keith Cutajar - €669.39 fol 523, WPC 293 Michelle Camilleri u PC 813 Clinton Vella - €795.82 fol 533, PC 1331 Darren Debattista u PC 813 Clinton Vella - €728.55 fol 662, €119.40 fol 1266, Dr Martin Bajada - €1488.71 fol 1343.

58 Dr Marisa Mifsud fol. 206.